

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/1232

tat-18 ta' Lulju 2016

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Kosovo*, min-naħa l-oħra, dwar Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni li tadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 flimkien mal-Artikolu 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217 flimkien mal-Artikolu 218, il-paragrafu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikolu 126 tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda u l-Kosovo*, min-naħa l-oħra ⁽¹⁾, ("il-Ftehim"), jistabbilixxi Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.
- (2) L-Artikolu 127(2) tal-Ftehim jistipula li l-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu.
- (3) L-Artikolu 129(1) tal-Ftehim jistipula li l-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jiġi meġhun minn Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ("il-Kumitat").
- (4) L-Artikolu 129(2) u (3) tal-Ftehim jipprevedi wkoll li l-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu, fir-regoli ta' proċedura tiegħu, jiddetermina d-dmirijiet tal-Kumitat u li l-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jista' jiddelega kull wieħed mis-setgħat tiegħu lill-Kumitat.
- (5) L-Artikolu 131 tal-Ftehim jipprevedi li l-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi li jwaqqaf kumitati jew korpi speċjali oħrajn li jistgħu jgħinuh fit-twettiq ta' dmirijietu. Jipprevedi wkoll li l-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, fir-regoli ta' proċedura tiegħu, għandu jiddetermina l-għamla u d-dmirijiet ta' dawn il-kumitati jew korpi u kif għandhom jaħdmu.
- (6) Huwa importanti li ssir konsultazzjoni regolari u formali mal-Istati Membri, u li jitqiesu l-fehmiet tagħhom. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jiġu mistiedna jkunu parti mid-delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-laqgħat kollha tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.
- (7) Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ("ir-Rappreżentant Għoli") ser jissorveljaw mill-qrib u kontinwament l-isforzi tal-Kosovo għan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet tiegħu mas-Serbja u jirrapportaw kif xieraq, u mill-inqas darbtejn fis-sena, dwar dik il-kwistjoni.
- (8) Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 140 tal-Ftehim jistipula li l-Unjoni tista' tieħu miżuri li tqis xierqa, inkluż is-sospensjoni tal-Ftehim kollu jew parti minnu, b'effett immedjat, fil-każ li l-Kosovo ma jikkonformax mal-prinċipji essenzzjali kif jinsabu fl-Artikoli 5 u 13 tal-Ftehim. Kull rakkomandazzjoni jew deċiżjoni rilevanti mill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, kif ukoll ir-rapporti li għandhom jiġu ppreżentati mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli dwar l-isforzi tal-Kosovo għan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet tiegħu mas-Serbja, għandhom jitqiesu għal kwalunkwe proposta eventwali tal-Kummissjoni għas-sospensjoni tal-Ftehim abbażi tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 140 tal-Ftehim.

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QiG dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

⁽¹⁾ ĠU L 71, 16.3.2016, p. 3.

- (9) L-ebda terminu, għażla ta' kliem jew definizzjoni użata f'din id-Deċiżjoni u l-Annessi tagħha, jew fid-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet u dokumenti oħrajn, fosthom il-minuti, li jkunu ser jiġu adottati mill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, ma tikkostitwixxi rikonoxximent tal-Kosovo minn Stati Membri individwali f'dik il-kapaċità fejn ma jkunux hađu tali pass.
- (10) Il-proċeduri interni tal-Istati Membri jistgħu japplikaw meta jiġu riċevuti dokumenti maħruġin mill-Awtoritajiet tal-Kosovo skont dan il-Ftehim.
- (11) Huwa opportun li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, rigward deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni li jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.
- (12) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandha għalhekk tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni stabbilit mill-Artikolu 126 tal-Ftehim, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Emendi tekniċi għal dak l-abbozz ta' Deċiżjoni jistgħu jiġu aċċettati mingħajr deċiżjoni oħra mill-Kunsill.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jiġu mistiedna jagħmlu parti mid-delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-laqgħat kollha tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Għandhom jirċievu wkoll id-dokumentazzjoni kollha mogħtija lill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jew maħruġa minnu. L-Istati Membri għandhom jagħtu lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, f'konformità mar-responsabbiltajiet tiegħu jew tagħha skont it-Trattati u l-kapaċità tiegħu jew tagħha bħala l-President tal-Kunsill Affarijiet Barranin, l-informazzjoni meħtieġa dwar dan.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

G. MATEČNÁ

**DEĊIŻJONI Nru 1/2016 TAL-KUNSILL TA' STABILIZZAZZJONI U ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE
U L-KOSOVO*****ta' [data]****li biha jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu**

IL-KUNSILL TA' STABILIZZAZZJONI U ASSOĊJAZZJONI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Kosovo*, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") u b'mod partikolari l-Artikoli 126, 127, 129 u 131 tiegħu,

Billi l-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2016,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1***Presidenza**

Il-Partijiet għandu jkollhom il-Presidenza tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni b'mod alternat għal perjodu ta' 12-il xahar. L-ewwel perjodu għandu jibda fid-data tal-ewwel laqgħa tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u jintemm fil-31 ta' Diċembru tal-istess sena.

*Artikolu 2***Laqgħat**

Il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jiltaqa' darba fis-sena f'konformità mal-prattika stabbilita għall-Kunsilli ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, inkluż b'rabta mal-livell ta' rappreżentanza u l-post. Sessjonijiet speċjali tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jistgħu jsiru fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, jekk il-Partijiet jaqblu dwar dan. Il-laqgħat tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandhom jissejħu b'mod konġunt mis-Segretarji tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bi qbil mal-President.

*Artikolu 3***Delegazzjonijiet**

Qabel kull laqgħa, il-President għandu jiġi mgħarraġ dwar l-għamla maħsuba tad-delegazzjoni ta' kull Parti. Rappreżentant tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) għandu jattendi l-laqgħat tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, bħala osservatur, meta fl-aġenda jidhru ħwejjeġ li jikkonċernaw lill-BEI. Il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jista' jistieden ukoll lil persuni oħra jattendu l-laqgħat tiegħu sabiex jipprovdur informazzjoni fuq suġġetti partikolari.

*Artikolu 4***Segretarjat**

Uffiċjal tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea flimkien ma' uffiċjal tar-rappreżentanza tal-Kosovo fil-Belġju għandhom flimkien iservu bħala Segretarji tal-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

*Artikolu 5***Korrispondenza**

Il-korrispondenza indirizzata lill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandha tintbagħat lill-President tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni fl-indirizz tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Iż-żewġ Segretarji għandhom jiżguraw li l-korrispondenza tgħaddi għand il-President tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u, fejn xieraq, tkun tinxtered mal-membri l-oħra tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Il-korrispondenza li titqassam għandha tintbagħat lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni, is-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna u r-rappreżentanza tal-Kosovo fil-Belġju.

Komunikazzjonijiet mill-President tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandhom jintbagħtu miż-żewġ Segretarji lid-destinatarji u jitqassmu, fejn xieraq, lill-membri l-oħra tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni msemmijin fit-tieni paragrafu.

*Artikolu 6***Pubbliku**

Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor, il-laqgħat tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ma għandhomx ikunu pubbliċi.

*Artikolu 7***Aġendi għal-laqgħat**

1. Il-President għandu jfassal aġenda proviżorja għal kull laqgħa. Din tintbagħat mis-Segretarji tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni lid-destinatarji msemmijin fl-Artikolu 5 mhux aktar tard minn 15-il jum tax-xogħol qabel il-bidu tal-laqgħa. L-aġenda proviżorja għandha tinkludi l-punti li dwarhom il-President ikun irċieva talba biex dawn jinżiedu fl-aġenda mhux aktar tard minn 21 jum tax-xogħol qabel il-bidu tal-laqgħa, għalkemm l-ebda punt ma għandu jitniżżel fl-aġenda proviżorja sakemm ma tkunx intbagħtet id-dokumentazzjoni ta' appoġġ lis-Segretarji mhux aktar tard mid-data li fiha tintbagħat l-aġenda. L-aġenda għandha tiġi adottata mill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni fil-bidu ta' kull laqgħa. Punt ieħor minbarra dawk li jidhru fl-aġenda proviżorja jista' jitqiegħed fuq l-aġenda jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu dan.

2. Il-President, bi qbil maż-żewġ Partijiet, jista' jqassar il-limiti ta' żmien speċifikati fil-paragrafu 1 sabiex jitqiesu l-ħtiġijiet ta' każ partikolari.

*Artikolu 8***Minuti**

L-abbozz tal-minuti ta' kull laqgħa għandu jitħejja miż-żewġ Segretarji. Il-minuti għandhom, bħala regola ġenerali, jindikaw fir-rigward ta' kull punt fuq l-aġenda:

- id-dokumentazzjoni mogħtija lill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni,
- id-dikjarazzjonijiet li membru tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jkun talab li jiddaħħlu,
- id-deċiżjonijiet meħuda u r-rakkomandazzjonijiet magħmula, id-dikjarazzjonijiet li ntlaħaq qbil dwarhom u l-konklużjonijiet adottati.

L-abbozz tal-minuti għandu jittressaq quddiem il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għall-approvazzjoni. Meta approvati, il-minuti għandhom jiġu ffirmati mill-President u ż-żewġ Segretarji. Il-minuti għandhom jiġu arkivjati fis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, li jkun depożitarju tad-dokumenti tal-Assoċjazzjoni. Kull wieħed mid-destinatarji msemmijin fl-Artikolu 5 għandu jingħata kopja ċertifikata.

Artikolu 9

Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1. Il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu u jagħmel rakkomandazzjonijiet bi qbil komuni bejn il-Partijiet, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2 u 5 tal-Ftehim. Il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jista' jieħu deċiżjonijiet jew jagħmel rakkomandazzjonijiet bi proċedura bil-miktub jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu dan.

2. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, skont l-Artikolu 128 tal-Ftehim, għandu jkollhom it-titlu ta' "Deċiżjoni" u "Rakkomandazzjoni" rispettivament, segwiti minn numru tas-serje, mid-data ta' meta ġew adottati u minn deskrizzjoni tas-suġġett tagħhom. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandhom jiġu ffirmati mill-President u awtentikati miż-żewġ Segretarji. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet għandhom jintbagħtu lil kull wieħed mid-destinatarji msemmija fl-Artikolu 5. Kull Parti tista' tiddeċiedi fuq il-pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni fil-pubblikazzjoni uffiċjali rispettiva tagħha.

Artikolu 10

Lingwi

Il-lingwi uffiċjali tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandhom ikunu l-lingwi awtentiċi tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor, il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jsesjes id-deliberazzjonijiet tiegħu fuq dokumentazzjoni mfassla f'dawn il-lingwi.

Artikolu 11

Spejjeż

L-Unjoni Ewropea u l-Kosovo għandhom it-tnejn iħallu l-ispejjeż li jgħarrbu biex jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, kemm fir-rigward tal-persunal, tal-ispejjeż ta' vjaġġar u ta' sussistenza kif ukoll tal-ispejjeż ta' posta u telekomunikazzjoni. Spejjeż marbutin mal-interpretazzjoni fil-laqgħat, it-traduzzjoni u r-riproduzzjoni tad-dokumenti kif ukoll spejjeż oħra marbutin mal-organizzazzjoni tal-laqgħat għandhom jiġġarrbu mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħat.

Artikolu 12

Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni

1. B'dan huwa stabbilit Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ("il-Kumitat") sabiex jgħin lill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni fil-qadi ta' dmirijietu. Dan għandu jkun magħmul minn rappreżentati tal-Unjoni Ewropea, minn naħa, u tal-Kosovo min-naħa l-oħra, normalment fuq livell ta' impjegati anzjani taċ-ċivil.

2. Il-Kumitat għandu jħejji l-laqgħat u d-deliberazzjonijiet tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, jimplimenta d-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni fejn meħtieġ u, inġenerali, jiżgura l-kontinwità tar-relazzjoni ta' assoċjazzjoni u t-tħaddim xieraq tal-Ftehim. Għandu jqis kull kwistjoni li tiġi riferuta lilu mill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni kif ukoll kull kwistjoni li tista' tqum kuljum matul l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Għandu jressaq proposti jew kull abbozz ta' deċiżjonijiet/rakkomandazzjonijiet għall-adozzjoni quddiem il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

3. F'każijiet fejn il-Ftehim jirriferi għal obbligu ta' konsultazzjoni jew il-possibilità ta' konsultazzjoni, din il-konsultazzjoni tista' ssir fil-Kumitat. Il-konsultazzjoni tista' tissokta fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu dan.
4. Ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni huma meħmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi

*Għall-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni
u Assoċjazzjoni
Il-President*

ANNESS

għad-

**DEĊIŻJONI Nru 1/2016 TAL-KUNSILL TA' STABILIZZAZZJONI U ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE
U L-KOSOVO*****ta' [data]****Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni***Artikolu 1***Presidenza**

Il-Partijiet għandu jkollhom il-presidenza tal-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ("il-Kumitat") b'mod alternat għal perjodu ta' 12-il xahar. L-ewwel perjodu għandu jibda fid-data tal-ewwel laqgħa tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u jintemm fil-31 ta' Diċembru tal-istess sena.

*Artikolu 2***Laqgħat**

Il-Kumitat għandu jiltaqa' skont kif jitolbu ċ-ċirkostanzi, bil-qbil taż-żewġ Partijiet. Kull laqgħa tal-Kumitat għandha ssir fi żmien u f'post miftiehma miż-żewġ Partijiet. Il-laqgħat tal-Kumitat għandhom jissejħu mill-President.

*Artikolu 3***Delegazzjonijiet**

Qabel kull laqgħa, il-President għandu jiġi mgħarraf dwar l-għamla maħsuba tad-delegazzjoni għal kull Parti.

*Artikolu 4***Segretarjat**

Uffiċjal tal-Kummissjoni Ewropea u uffiċjal tal-Kosovo għandhom flimkien ikunu Segretarji tal-Kumitat. Il-komunikazzjonijiet kollha previsti f'din id-Deċiżjoni lill-President tal-Kumitat u mingħandu għandhom jgħaddu għand is-Segretarji tal-Kumitat u s-Segretarji u l-President tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

*Artikolu 5***Pubbliku**

Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor, il-laqgħat tal-Kumitat ma għandhomx ikunu pubbliċi.

*Artikolu 6***Aġendi għal-laqgħat**

1. Il-President għandu jfassal aġenda proviżorja għal kull laqgħa. Din għandha tintbagħat mis-Segretarji tal-Kumitat lid-destinatarji msemmija fl-Artikolu 4 mhux aktar tard minn 30 jum qabel il-bidu tal-laqgħa. L-aġenda proviżorja għandha tinkludi l-punti li dwarhom il-President ikun irċieva talba biex dawn jiddaħħlu fl-aġenda mhux aktar tard minn 35 jum tax-xogħol qabel il-bidu tal-laqgħa, għalkemm ma għandhom jitniżżlu punti fuq l-aġenda proviżorja sakemm ma tkunx intbagħtet id-dokumentazzjoni ta' appoġġ lis-Segretarji mhux aktar tard mid-data li fiha tintbagħat l-aġenda. Il-Kumitat jista' jitlob esperti jattendu l-laqgħat tiegħu sabiex jipprovdur informazzjoni fuq suġġetti partikolari. L-aġenda għandha tiġi adottata mill-Kumitat fil-bidu ta' kull laqgħa. Punt ieħor minbarra dawk li jidhru fl-aġenda proviżorja jista' jitqiegħed fuq l-aġenda jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu dan.

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

2. Il-President, bi qbil maż-żewġ Partijiet, jista' jqassar il-limiti ta' żmien speċifikati fil-paragrafu 1 sabiex jitqiesu l-ħtiġijiet ta' każ partikolari.

Artikolu 7

Minuti

Għal kull laqgħa għandhom jittieħdu l-minuti, u għandhom jiġu bbażati fuq taqsira mill-President tal-konklużjonijiet li jkun wasal għalihom il-Kumitat. Meta jiġu approvati mill-Kumitat, il-minuti għandhom jiġu ffirmati mill-President u mis-Segretarji u jiġu arkivjati minn kull wieħed miż-żewġ Partijiet. Kopja tal-minuti għandha tingħata lil kull wieħed mid-destinatarij msemmin jil-*Artikolu 4*.

Artikolu 8

Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet

Fil-każijiet speċifiċi fejn il-Kumitat jingħata s-setgħa mill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni skont l-*Artikolu 128* tal-Ftehim li jieħu deċiżjonijiet jew jagħmel rakkomandazzjonijiet, dawk l-atti jsiru skont l-*Artikolu 9* tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

Artikolu 9

Spejjeż

L-Unjoni Ewropea u l-Kosovo għandhom it-tnejn iħallsu l-ispejjeż li jġarrbu għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-laqgħat tal-Kumitat, kemm f'dak li għandu x'jaqsa man-nefqa tal-persunal, il-vjaġġi u s-sussistenza u n-nefqa għall-posta u t-telekomunikazzjoni. Spejjeż marbutin mal-interpretazzjoni fil-laqgħat, it-traduzzjoni u r-riproduzzjoni tad-dokumenti kif ukoll spejjeż oħra marbutin mal-organizzazzjoni tal-laqgħat għandhom jiġġarrbu mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħat.

Artikolu 10

Sottokomitati u gruppi speċjali

Il-Kumitat jista' joħloq sottokomitati u gruppi speċjali biex jaħdmu taħt l-awtorità tiegħu. Huma għandhom jirrappurtaw lill-Kumitat wara kull laqgħa li jagħmlu. Il-Kumitat jista' jiddeċiedi li jneħħi kull sottokomitati jew grupp eżistenti, jistipula jew ibiddel it-termini ta' referenza tagħhom jew iwaqqaf aktar sottokomitati jew gruppi oħra biex jgħinu fil-qadi ta' dmirijietu. Dawn is-sottokomitati u gruppi ma għandu jkollhom l-ebda setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

ANNESS

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI Nru 1/2016 TAL-KUMITAT TA' STABILIZZAZZJONI U ASSOĊJAZZJONI UE —
KOSOVO*****ta' [jum xahar] 2016****li toħloq sottokumitati u gruppi speċjali**

IL-KUMITAT TA' STABILIZZAZZJONI U ASSOĊJAZZJONI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Kosovo*, min-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 130 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-regoli ta' proċedura tiegħu, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu Uniku

Is-sottokumitati u l-gruppi speċjali mniżżla fl-Anness I huma hawnhekk maħluqa. It-termini ta' referenza tagħhom huma stipulati fl-Anness II.

Magħmul fi ..., fi [jum xahar] 2016.

*Għall-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni
u Assoċjazzjoni
Il-President*

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

ANNEX I

Struttura tas-Sottokumitati Multidixxiplinari

Titolu	Kwistjonijiet	Artikolu tal-Ftehim
1. Kummerċ, Industrija, Dwana u Tassazzjoni	Moviment Liberu tal-Merkanzija	Art. 20
	Prodotti Industrijali	Art. 21-25
	Kwistjonijiet kummerċjali	Art. 36-49
	Standardizzazzjoni, metroloġija, akkreditazzjoni, ċertifikazzjoni, analiżi tal-konformità u sorveljanza tas-suq	Art. 80
	Kooperazzjoni industrijali	Art. 99
	SMEs	Art. 100
	Turiżmu	Art. 101
	Dwana	Art. 104
	Tassazzjoni	Art. 105
	Regoli ta' oriġini	Protokoll III
	Assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali	Protokoll IV
2. Agrikoltura u Sajd	Prodotti agrikoli	Art. 26, 28, 29, 33, 34 u 37
	Prodotti tas-sajd	Art. 31 u 32, Annessi IV u V
	Prodotti agrikoli pproċessati	Art. 27 u Protokoll I
	Inbid	Art. 30 u Protokoll II
	Il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għal prodotti agrikoli u prodotti tas-sajd, u għall-prodotti tal-ikel li mhumiex inbid u spirti	Art. 35
	Is-settur agrikolu u agroindustrijali, kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji	Art. 102
	Kooperazzjoni fis-sajd	Art. 103
3. Suq Intern u Kompetizzjoni	Dritt ta' stabbiliment	Art. 50-54
	Għoti ta' servizzi	Art. 55-60

Titolu	Kwistjonijiet	Artikolu tal-Ftehim
	Mistoqsijiet oħrajn relatati mat-Titolu V tal-Ftehim	Art. 61-73
	Approssimazzjoni tal-leġislazzjoni u l-infurzar tal-liġi	Art. 74
	Kompetizzjoni	Art. 75-76
	Il-proprjetà intellettwali, industrijali u kummerċjali	Art. 77-78
	Akkwist pubbliku	Art. 79
	Servizzi bankarji, tal-assigurazzjoni u servizzi finanzjarji oħra	Art. 96
	Protezzjoni tal-konsumatur	Art. 81
4. Kwistjonijiet u statistika ekonomiċi u finanzjarji	Pagamenti kurrenti u l-moviment ta' kapital	Art. 64-66
	Politika ekonomika	Art. 94
	Kooperazzjoni statistika	Art. 95
	Promozzjoni u protezzjoni tal-investment	Art. 98
	Kooperazzjoni finanzjarja	Art. 121-125
5. Ġustizzja, libertà u sigurtà	Tisħiħ tal-istituzzjonijiet u l-istat tad-dritt	Art. 83
	Id-drittijiet fundamentali, inkluża l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-protezzjoni tad-data	Art. 3, 4 u 84
	Il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kriminali	Art. 83
	Il-viża, il-kontroll tal-fruntieri/konfini, l-asil u l-migrazzjoni	Art. 85-86
	Prevenzjoni u kontroll tal-immigrazzjoni illegali; riammissjoni	Art. 87-88
	Ħasil tal-flus	Art. 89
	Drogi	Art. 90
	Ġlieda kontra t-terroriżmu	Art. 92
	Il-prevenzjoni tal-kriminalità organizzata u attivitajiet illegali oħrajn	Art. 91

Titolu	Kwistjonijiet	Artikolu tal-Ftehim
6. Innovazzjoni, soċjetà tal-informazzjoni u politika soċjali		
	Kundizzjonijiet tax-xogħol u opportunitajiet indaqs	Art. 82
	Kooperazzjoni soċjali	Art. 106
	L-edukazzjoni u t-taħriġ	Art. 107
	Kooperazzjoni kulturali	Art. 108
	Kooperazzjoni fil-qasam awdjoviżiv	Art. 109
	Is-soċjetà tal-informazzjoni	Art. 110
	In-netwerks u s-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika	Art. 111
	L-informazzjoni u l-komunikazzjoni	Art. 112
	Riċerka u żvilupp teknoloġiku	Art. 118
7. Trasport, enerġija, ambjent, u żvilupp reġjonali	Trasport	Art. 113
	Enerġija	Art. 114
	Ambjent	Art. 115
	Tibdil fil-klima	Art. 116
	Protezzjoni ċivili	Art. 117
	Żvilupp reġjonali u lokali	Art. 119

L-Istruttura tal-Gruppi Speċjali

Titolu	Kwistjonijiet	Artikolu tal-Ftehim
Grupp Speċjali għar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika	Riforma tal-amministrazzjoni pubblika	Art. 120
Grupp Speċjali dwar in-normalizzazzjoni ⁽¹⁾	Titjib viżibbli u sostenibbli tar-relazzjonijiet tal-Kosovo mas-Serbja, u kooperazzjoni effettiva mal-missjoni tal-PSDK tal-UE filwaqt li tkun fis-seħħ	Art. 5

⁽¹⁾ Dan il-grupp speċjali ma jiħux post id-djalogu bejn Pristina u Belgrad imwettaq taħt il-patroċinju tar-Rappreżentant Għoli.

ANNEX II

Termini ta' Referenza tas-Sottokomitati u l-Gruppi Speċjali UE — Kosovo***Għamla u President**

Is-sottokomitati u l-gruppi speċjali dwar ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika (RAP) u dwar in-normalizzazzjoni għandhom ikunu magħmula minn rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna fil-każ tal-grupp speċjali dwar in-normalizzazzjoni, u r-rappreżentanti tal-Kosovo. Dawn għandhom jitmexxew miż-żewġ partijiet b'mod alternat. L-Istati Membri ser jiġu infurmati u mistiedna għal-laqqha tas-sottokomitati u tal-gruppi speċjali dwar ir-RAP u n-normalizzazzjoni.

Segretarjat

Uffiċjal tal-Kummissjoni Ewropea, jew tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna fil-każ tal-grupp speċjali dwar in-normalizzazzjoni, u uffiċjal tal-Kosovo għandhom flimkien ikunu segretarji ta' kull wieħed mis-sottokomitati u l-gruppi speċjali.

Il-komunikazzjonijiet kollha dwar is-sottokomitati u l-gruppi speċjali għandhom jintbagħtu lis-segretarji tas-sottokomitati rilevanti u tal-grupp speċjali.

Laqgħat

Is-sottokomitati u l-gruppi speċjali għandhom jiltaqgħu kull meta ċ-ċirkustanzi jitolbu dan, bil-qbil taż-żewġ partijiet. Kull laqgħa ta' sottokomitati jew grupp speċjali għandha tinżamm f'ħin u post li jaqblu dwarhom iż-żewġ Partijiet.

Jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu, is-sottokomitati u l-gruppi speċjali jistgħu jistiednu esperti għal-laqqha tagħhom biex jipprovdu l-informazzjoni speċifika mitluba.

Aġenda u dokumenti ta' appoġġ

Il-President u s-Segretarji għandhom ifasslu aġenda proviżorja għal kull laqgħa mhux aktar tard minn 30 jum tax-xogħol qabel il-bidu tal-laqgħa.

L-aġenda proviżorja għandha tinkludi punti li dwarhom is-segretarji jkun rċevew talba biex jiġu inklużi fl-aġenda mhux aktar tard minn 35 jum qabel il-bidu tal-laqgħa.

Wara l-qbil tal-aġenda proviżorja għal kull laqgħa u mhux aktar tard minn għaxart ijiem tax-xogħol qabel il-bidu tal-laqgħa s-segretarju fisem il-Kosovo għandu jibgħat lis-segretarju, fisem il-Kummissjoni Ewropea, jew is-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna fil-każ tal-grupp speċjali dwar in-normalizzazzjoni, id-dokumentazzjoni meħtieġa bil-miktub wara l-punti miftiehma fl-aġenda proviżorja.

Jekk id-data ta' għeluq imsemmija fit-tielet paragrafu ma tiġix irrispettata, il-laqgħa titħassar awtomatikament mingħajr avviż ieħor.

Suġġetti

Is-sottokomitati għandhom jiddiskutu kwistjonijiet marbuta mal-oqsma tal-Ftehim kif imniżżla fl-istruttura tas-sottokomitati multidixiplinari. Il-progress fl-approssimazzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġislazzjoni għandhom jiġi evalwat fis-suġġetti kollha. Is-sottokomitati għandhom jeżaminaw kull problema li tista' tinqala' fl-oqsma rilevanti tagħhom u għandhom jissuġġerixxu passi possibbli li għandhom jittieħdu.

Is-sottokomitati għandhom iservu wkoll ta' fora fejn jiġi ċċarat aktar l-acquis u jeżaminaw il-progress li sar mill-Kosovo biex jikkonforma mal-acquis skont l-impenji li ttieħdu skont il-Ftehim.

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

Il-grupp speċjali għar-RAP jiddiskuti kwistjonijiet marbuta mar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u jissuġġerixxi passi possibbli li għandhom jittieħdu. Il-grupp speċjali dwar in-normalizzazzjoni għandu jiddiskuti kwistjonijiet marbutin mat-titjib viżibbli u sostenibbli tar-relazzjonijiet tal-Kosovo mas-Serbja, u kooperazzjoni effettiva mal-missjoni tal-Politika Ewropea ta' Sigurtà u Difiża waqt li tkun fis-seħħ, u jissuġġerixxi passi possibbli li għandhom jittieħdu.

Minuti

Wara kull laqgħa għandhom jittieħdu l-minuti u jintlaħaq qbil dwarhom. Kopja tal-minuti għandha tingħata mis-segretarju tas-sottokumitat jew tal-grupp speċjali lis-Segretarju tal-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

Pubbliku

Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor, il-laqgħat tas-sottokumitati u tal-grupp speċjali ma għandhom ikunu pubbliċi.
